# QORTI ĊIVILI
# (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta 27 ta' April, 2021**

**Rikors Numru 110/21TA**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Nru 46/21 fl-ismijiet:-**

**A C ID *****(M) u S H Caruana ID *****L**

**vs**

**L M H ID *****M**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' L M H tat-12 ta' April 2021;

Rat ir-risposta ta' A C u S H C tat-22 ta' April 2021;

Rat il-verbal tal-partijiet tas-27 ta' April 2021 li permezz tiegħu qablu hekk: "Il-partijiet jaqblu għalhekk illi l-employer in kwistjoni għandu jirrilaxxja favur ir-rikorrent minn kull paga li tingħatalu l-ammont ta' Eur700 filwaqt li jibqa' jżomm il-bilanċ b'dana li għandu jirregola ruħu f'dan ir-rigward tal-ammont

bilanċjali". Għalhekk il-Qorti fil-waqt li mhux ser tkun qegħdha tirrevoka l-mandat b'danakollu stante qbil bejn il-partijiet ser tkun qed tipprovdi dwar dak li qablu dwaru l-partijiet.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija qed tilqa' it-talbiet tar-rikorrent u dan fis-sens biss, li qed tordna lill-employer tar-rikorrent, u cioe' lil Y&P Cranes ta' YP Complex, Triq Burmarrad, Naxxar, qua sekwestratarju, sabiex minn kull salarju tar-rikorrent jirrilaxxja favuru l-ammont ta' sebgħa mitt euro (€700), b'dan li kull bilanċ li jkun fadal mis-salarju għandu jibqa' sekwestrat f'idejn l-employer imsemmi sabiex bih jagħmel dak li titlob il-ligi. Għall-bqija l-effetti l-oħra kollha tal-madat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proceduri għandu jibqa' in vigore.

Tordna n-notifika dan id-digriet, a kura u spejjes tar-rikorrent, lil Y&P Cranes.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**